MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 207/2005

**Roberto Carlos Calleja**
**(ID Numru 457087 (M))**

**vs**

**Maria Bianchi xebba Calleja mart Alfred Bianchi, (I.D. Nru. 43138 (G)), Ellen Micallef Eynaud xebba Calleja mart James Micallef Eynaud, (I.D. Nru. 16536 (G)), Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Anthony sive Anton Calleja, bin il-mejjet Vincent u Josephine nee` Tabone, imwieled Ghawdex u residenti l-Istati Uniti, Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Alexander Calleja, imwieled Rabat, Ghawdex, Anne Marie Uzcilas, xebba Calleja, mart Rox Uzcilas u mwielda Rabat, Ghawdex, Charlotte Micallef mart Robert Micallef u imwielda Sliema, u b'digriet tat-28 ta' Marzu, 2005, l-Avukat Dr. Leslie Cuschieri u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Anthony sive Anton Calleja**

**u b'digriet tat-28 ta' Marzu, 2005, l-Avukat Dr. Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar gew nominati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Alexander Calleja, Anne Marie Uzcilas u Charlotte Micallef u b'nota tat-30 ta' Marzu, 2010 Maria Bianchi assumiet l-atti tal-kawza in rapprezentanza tal-assenti Alexander Calleja, Anne Marie Uzcilas, Charlotte Micallef, Joseph Calleja, Marlene Vine Calleja u Patrick Calleja bhala mandatarja specjali tal-istess ilkoll imsiefrin u b'digriet tas-27 ta' Mejju, 2010 il-kuraturi deputati li gew mahtura biex jirrapprezentaw lill-persuni assenti indikati fin-nota tat-30 ta' Marzu, 2010 gew estromessi mill-kawza**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni datata 28 ta' Frar, 2005, li permezz taghha l-attur sintetikament espona s-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti huma ko-proprjetarji ta' korp ta' bini sitwat il-belt Valletta senjatament;

(a) l-fond bin-numru mija u tmienja (108) precedentement disgha u sebghin ittra "A" (79a), West Street, precedentement Pjazza Indipendenza (u Queen Adelaide Square u Pjazza Celsi) Valletta;

(b) il-fond bin-numru erbgha u sittin (64) Archbishop Str, Valletta;

(c) erbgha u sittin ittra "D" (64D), Archbishop Str, Valletta;

(d) l-appartament numru wiehed (1), tnejn (2) u tlieta (3) formanti parti minn blokk ta' appartamenti bin-numru mija u ghaxra (110), West Str, Valletta;

(e) il-fond bin-numru mija u hdax (111) West Str, Valletta;

(f) il-fond tlieta u tlettin (33), Triq Imrabat, Sliema, inkluz il-bejt u l-arja sovrapposti ghal proprjeta' hawn indikata.

2. Illi l-proprjeta` fuq indikata iddevolviet fuq il-kontendenti fil-maggorparti taghha permezz ta' eredita' u parti permezz ta' kuntratt pubbliku;

3. Illi peress li l-ishma tal-kontendenti fil-proprjeta` immobbli mhux ugwali u hemm uhud mill-konvenuti li m'ghandhomx sehem fil-proprjeta` li tinsab gewwa Triq Imrabat, Sliema;

4. Illi l-proprjeta` ma tistax tigi liberament maqsuma u ma tistax ssir tpacija b'beni ohra in komun ta' xorta differenti izda tal-istess valur;

5. Illi bejn il-kontendenti m'hemm ebda proprjeta` ohra mizmuma in komun;

6. Illi l-attur ma jridx jibqa' fi stat ta' komunanza mal-konvenuti;

7. Illi l-attur irid illi ssir il-qasma tal-beni immobbli u f'kaz li jirrizulta li dawn il-beni mhux komodament divisibbli dawn jigu mibjugha b'licitazzjoni sabiex jinqasam il-prezz taghhom;

8. Illi ghalkemm l-attur offra li jakkwista hu uhud mill-proprjetajiet immobbli imsemmija u b'hekk jigu evitati dawn il-proceduri, il-konvenuti u b'mod partikolari, l-konvenuta Maria Bianchi, xekklu n-negozjati sabiex tali akkwist ma jsehhx;

9. Illi ghaldaqstant, l-attur qed jitlob lil dina l-qorti:-

i. Tiddikjara li l-attur u l-konvenuti huma ko-proprjetarji tal-fondi fuq gia` riferiti;

ii. Tordna d-divizjoni tal-beni immobbli surriferiti u dan, skont il-proporzjonijiet li jirrizulta li ghandhom il-kontendenti;

iii. Tinnomina perit arkitett biex ihejji u jipproponi pjan ta' divizjoni;

iv. Tinnomina Nutar Pubbliku ghal pubblikazzjoni tal-kuntratt opportun u kuraturi deputati sabiex jipprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq il-kuntratt relattiv;

v. Illi f'kaz li jirrizulta li l-beni immobbli ma jistghux jigu maqsuma bla xkiel u bla hsara u ma tistax issir tpattija b'beni ohra in komun ta' xorta differenti izda tal-istess valur, tordna l-bejgh b'licitazzjoni, li m'ghandux ikun miftuh ghal oblaturi estranei, tal-fondi mertu ta' dina l-kawza;

vi. Illi tordna li r-rikavat mill-eventwali bejgh b'licitazzjoni jinqasam bejn il-kontendenti skond il-porzjonijiet li jirrizulta fil-mori ta' dina l-kawza;

vii. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti fuq indikati;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Josephine Calleja, datata 22 ta' Marzu, 2005, fejn sintetikament eccepiet is-segwenti:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez, stante li l-fondi, ghalkemm mhux proprjeta` taghha, huma soggetti ghall-jedd ta' uzufrutt favur taghha;

2. Illi, minghajr pregudizzju, il-partikolarita` ta' dan l-uzufrutt huwa ta' ostakolu ghal kwalsiasi qsim jew bejgh;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk kemm-il darba ghal xi raguni jigi ordnat il-qsim jew il-bejgh tal-proprjetajiet *de quo*, il-jedd ta' uzufrutt jipprevali u ghandu dejjem jissussiti;

4. Illi, gialadarba l-eccipjenti mhix proprjetarja tal-fondi in kwistjoni, m'ghandhiex tbati ebda spejjez;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Ellen Micallef Eynaud u Anton Calleja datata 28 ta' Marzu, 2005, li permezz taghha sintetikament eccepew is-segwenti:-

1. Illi salv illi jsiru l-opportuni verifiki nkluzi dwar il-valur tal-assi premessi mill-attur u d-divizibbilita` taghhom jindikaw li huma m'ghandhomx ibatu ebda spejjez u/jew konsegwenza ta' dina l-kawza billi huma dejjem xtaqu ibieghu u qatt ma fixxklu l-bejgh, tant li kull meta tressaq xi xerrej potenzjali li kien qieghed joffri prezz gust huma dejjem taw il-kunsens taghhom li jsir il-bejgh;

2. Illi l-esponenti ghadhom lesti li jbieghu l-immobbli in kwistjoni purche` l-bejgh isir b'kundizzjonijiet gusti;

3. Illi f'dan l-isfond l-esponenti jghidu li ricentement kien intlahaq qbil bejn il-kontendenti kollha li jinbiegh il-fond 108, West Str, Valletta, u 64D, Archbishop Str, Valletta, izda kien l-istess attur li naqas li jidher fuq l-att tal-konvenju minkejja li kien gie debitament avzat u minkejja li qabel mal-prezz li kien ried ibiegh;

4. Illi fi kwalsiasi kaz ghandu jsir qsim separat skond il-provenjenza differenti tal-immobbli mertu tal-kawza;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi deputati nominati fuq indikati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Alexander Calleja, Anne Marie Uzcilas, Charlotte Micallef, Marlene Vine u Patrick Calleja, datata l-20 ta' Mejju, 2005, li sintetikament eccepew is-segwenti:-

1. Illi f'dan l-istadju huma mhumiex edotti mill-fatti tal-kawza;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Dr.Leslie Cuschieri u l-P.L. Hilda Ellul Mercer nomine, datata t-23 ta' Gunju, 2005, li sintetikament eccepew is-segwenti:-

1. Illi b'digriet tat-28 ta' Marzu, 2005, huma gew nominati kuraturi deputati biex jirrappezentaw lill-assenti Anthony Calleja;

2. Illi m'ghandhomx mezz kif jikkomunikaw mal-persuni minnhom rapprezentati u ghalhekk mhumiex edotti mil-fatti tal-kaz odjern;

3. Illi, ghalhekk jirrizervaw li jeccepixxu ulterjorment;

Rat ukoll in-nota ta' Ellen Micallef Eynaud u Anton Calleja, datata t-8 ta' Gunju, 2005, fejn ghal kull buon fini ddikjaraw illi dwar il-hames talba attrici u kompletament bla pregudizzju ghal posizzjoni taghhom f'din l-kawza, huma ma jaqblux li subbasta eventwali ghandha ssir bl-eskluzzjon ta' oblaturi estranei;

Rat ukoll in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Maria Bianchi, datata l-4 ta' Lulju, 2005, li sintetikament eccepiet is-segwenti:-

1. Fil-mertu m'ghandhiex oggezzjoni ghall-qsim jew bejgh tal-proprjetajiet *de quo*, salv li jsiru l-verifiki opportuni ghar-rigward id-divisibilita', ishma tal-kondividenti u valuri tal-istess proprjetajiet, kif tirrikjedi l-ligi;

2. Illi, fit-tieni lok, kwalsiasi qsim jew bejgh li talvolta jigi ordnat m'ghandux jippregudika l-jedd ta' uzufrutt favur il-konvenuta Josephine Calleja;

3. Illi fit-tielet lok, l-eccipjenti m'ghandha tbati ebda spejjez stante illi dejjem kienet disposta li tbiegh, inkluz lill-istess attur, li ghazel li jintavola din ic-citazzjoni minkejja tali disponibilita`;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz u b'rizerva ghal kull azzjoni ta' danni spettanti lill-eccipjenti;

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat il-31 ta' Ottubru, 2005, li permezz tieghu gie nominat perit tekniku hemm indikat biex jirrelata dwar it-talbiet attrici, wara li jikkonsidra ukoll l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u wara li jaghmel il-konstatazzjonijiet kollha necessarji;

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-22 t'Ottubru, 2009, li permezz tieghu inhatret assistant gudizzjarju ghall-iskop limitat hemm indikat, (ara fol 115);

Rat in-nota ta' Maria Bianchi datata 30 ta' Marzu, 2010, li permezz taghha ddikjarat is-segwenti:

"Illi qieghda tassumi r-rapprezentanza tal-assenti Alexander Calleja, Anne Maria Uzcilas, Charlotte Micallef, Joseph Calleja, Marlene Vine Calleja u Patrick Calleja bhala mandatarja specjali tal-istess, ilkoll imsiefrin, li precedentement kienu rapprezentati fil-proceduri odjerni mill-kuraturi deputati li gew nominati b'digriet tat-28 ta' Marzu, 2005", (ara fol 136);

B'digriet moghti fis-seduta tas-27 ta' Mejju, 2010, il-kuraturi deputati fuq riferiti gew estromessi milli jkomplu jippatrocinaw lill-assenti indikati fl-istess nota, (ara fol 137);

Rat il-verbal datat l-10 ta' Novembru, 2011, fejn l-inkarigu tal-perit tekniku fuq riferit gie ridott biss ghal valutazzjoni tal-proprjetajiet indikati u dikjarazzjoni jekk humiex komodament divizibbli, (ara fol 154);

Rat ir-rapport tal-perit tekniku *de quo* pprezentat fil-24 ta' Jannar, 2012, u gie mahluf fl-udjenza tal-14 ta' Marzu, 2012, mill-istess perit tekniku, (ara fol 158);

Rat x-xhieda tal-perit tekniku *de quo* tal-14 ta' Marzu, 2012;

Rat d-dokumenti kollha esebiti;

Ezaminat ix-xhieda kollha;

Ikkunsidrat:

1. Illi dina l-qorti taqbel mar-rapport peritali tal-perit tekniku fuq riferit u m'ghandha l-ebda raguni valida fil-ligi biex ma tadottahx u taghmlu taghha fl-intier tieghu;

2. Illi fir-relazzjoni l-istess perit tekniku gie tenut jillimita ruhu ghal valutazzjoni tal-proprjetajiet mertu ta' din il-kawza u jiddikjara jekk dawn humiex komodament divizibbli;

3. Illi mill-ezami professjonali tighu l-istess perit tekniku kkonstata s-segwenti fuq il-fondi, mertu tal-kawza:-

i. **Nru.110 Flt.1. West Str, Valletta**:

Illi dan hu appartament li jinsab fit-tielet sular, (*second floor*), ta' blokk ta' appartamenti li jhares fuq Pjazza Indipendenza mibni b'hitan portanti tal-gebel u soqfa tax-xorok fuq travi tal-hadid midfunin u hu f'kundizzjoni abitabbli;

Illi dan l-istess fond jinsab mikri ghall-ammont ta' €186.35 fis-sena lis-sinjura Mangion li ghandha 78 sena;

Illi l-fond hu mizmum b'titolu liberu u frank minghajr pizijiet;

Illi l-perit tekniku *de quo, wara li* ha in konsiderazzjoni kull aspett li seta' jincidi fuq il-valur tal-fond, nkluz, il-fatturi minnu hemm indikati ivvalutah fl-ammont ta' mija u hamest elef u hames mitt Ewro, (€105,500), (ara fol 161-162);

**ii. Nru.110, Fl.2, West Str, Valletta;**

Illi dan l-appartament jinsab fir-raba' sular, (*third floor*), ta' blokk ta' appartamenti li jhares fuq Pjazza Indipendenza;

Illi l-fond kien mibni b'hitan portanti tal-gebel u soqfa tax-xorok fuq travi tal-hadid midfunin, hu f'kundizzjoni mitluqa u ghandu bzonn intervent sostanzjali biex isir abitabbli;

Illi l-fond huwa vakanti u huwa mizmum b'titolu liberu u frank minghajr pizijiet;

Illi l-perit tekniku *de quo* ha in konsiderazzjoni kull aspett li seta' jincidi fuq il-valur tal-fond, inkluzi l-fatturi minnu hemm indikati u ddikjara l-valur tal-fond fl-ammont ta' mija u ghoxrin elf Ewro, (€120.000), (ara fol 162);

**iii. Nru.110, Flt.3, West Str, Valletta:**

Illi dan hu appartament li jinsab fil-hames sular, (*fourth floor*), ta' blokk ta' appartamenti li jhares fuq Pjaza Indipendenza;

Illi l-fond kien mibni b'hitan portanti tal-gebel u soqfa tax-xorok fuq travi tal-hadid midfunin, hu f'kundizzjoni tajba hafna;

Illi l-fond huwa mikri fl-ammont ta' mija u sebgha u sittin Ewro u wiehed u sebghin centezmu, (€167.71), fis-sena lis-sinjuri Carmel Zammit u martu li ghandhom rispettivament 47 u 46 sena u t-tfal taghhom li ghandhom 21 u 5 snin;

Illi l-fond mizmum b'titolu liberu u frank minghajr pizijiet;

Illi wara li l-perit tekniku *de quo* ha in konsiderazzjoni kull aspett li seta' jincidi fuq il-valur tal-fond, inkluzi l-fatturi minnu hemm indikati u ddikjara l-valur tal-fond fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf Ewro, (€25,000), (ara fol 163);

**iv. Nru.108, West Str, Valletta:**

Illi l-fond jikkonsisti f'dar ta' hames sulari li tinsab fuq Pjazza Indipendenza;

Illi l-fond kien mibni b'hitan portanti tal-gebel u soqfa tax-xorok fuq travi tal-hadid midfunin, hu f'kundizzjoni ta' abbandun u jehtieg li jinbidel is-saqaf tal-hames sular u cioe` l-bejt, kif ukoll isir intervent sostanzjali biex il-fond jingieb fi stat abitabbli;

Illi l-fond huwa vakanti u mizmum b'titolu liberu u frank minghajr pizijiet;

Illi l-perit tekniku *de quo* ha in konsiderazzjoni kull aspett li seta' jincidi fuq il-valur tal-fond, inkluzi l-fatturi hemm minnu ndikati u ddikjara l-valur tal-fond fl-ammont ta' mitejn u tmenin elf Ewro, (€280,000), (ara fol 163);

**v. 111, West Str, Valletta:**

Illi l-fond jinsab fuq Pjazza Indipendenza;

Illi l-fond kien mibni b'hitan portanti tal-gebel u soqfa tax-xorok fuq travi tal-hadid midfunin, hu f'kundizzjoni mitluqa u ghandu bzonn intervent sostanzjali biex isir abitabbli;

Illi l-fond huwa vakanti u mizmum b'titolu liberu u frank minghajr pizijiet;

Illi l-perit tekniku *de quo* ha in konsiderazzjoni kull aspett li seta' jincidi fuq il-valur tal-fond, nkluzi l-fatturi minnu hemm indikati u ddikjara l-valur tal-fond fl-ammont ta' mija u hamsa u tletin elf Ewro, (€135,000), (ara fol 164);

**vi. 64, Archbishop Str, Valletta:**

Illi l-fond kien mibni b'hitan portanti tal-gebel u soqfa tax-xorok fuq travi tal-hadid midfunin, hu f'kundizzjoni mitluqa u ghandu bzonn intervent sostanzjali biex isir abitabbli;

Illi l-fond huwa vakanti u mizmum b'titolu liberu u frank minghajr pizijiet;

Illi l-perit tekniku *de quo* ha in konsiderazzjoni kull aspett li seta' jincidi fuq il-valur tal-fond, nkluzi l-fatturi hemm minnu ndikati u ddikjara l-valur tal-fond fl-ammont ta' mija u ghoxrin elf Ewro, (€120,000), (ara fol 165);

**vii. 64D, Archbishop Str, Valletta:**

Illi l-fond kien mibni b'hitan portanti tal-gebel u soqfa tax-xorok fuq travi tal-hadid midfunin, hu f'kundizzjoni mitluqa u ghandu bzonn intervent sostanzjali biex isir abitabbli;

Illi l-fond huwa vakanti u mizmum b'titolu liberu u frank minghajr pizijiet;

Illi l-perit tekniku *de quo* ha in konsiderazzjoni kull aspett li seta' jincidi fuq il-valur tal-fond, nkluzi l-fatturi hemm minnu ndikati u ddikjara l-valur tal-fond fl-ammont ta' mija u ghoxrin elf Ewro, (€120,000), (ara fol 165);

**viii. 33, Mrabat Str, St. Julians:**

Illi l-fond jikkonsisti f'dar fuq tlett sulari li jinsab fl-*Urban Conservation Area* ta' Tas-Sliema, li skont il-pjan lokali, (*North Harbours Local Plan*), fuqha jista' jsir zvilupp limitat ghal gholi ta' tlett sulari minghajr *semi basement*;

Illi l-fond li kien mibni b'hitan portanti tal-gebel u soqfa tax-xorok fuq travi tal-injam, hu f'kundizzjoni tajba;

Illi l-fond hu mikri ghall-ammont ta'mija u tmienja u sittin Ewro, (€168.00), fis-sena lis-sur Emanuel Anastasi u martu li ghandhom 84 u 79 sena rispettivament;

Illi l-fond huwa mizmum b'titolu liberu u frank minghajr pizijiet;

Illi l-perit tekniku *de quo* ha in konsiderazzjoni kull aspett li seta' jincidi fuq il-valur tal-fond, nkluzi l-fatturi minnu hemm indikati u ddikjara l-valur tal-fond fl-ammont ta' mija u hamsa u sebghin elf Ewro, (€175,000), (ara fol 166);

4. Illi l-perit tekniku *de quo*ipprezenta tabella li tinsab esebita fil-process bhala Dokument A u annessa mar-rapport (ara fol 168), li fiha hemm indikat l-kwoti u valuri individwali f'kull proprjeta', kif ukoll it-totali tal-partijiet;

5. Illi l-perit tekniku *de quo*, ikkonstata li a bazi tat-tabella fuq imsemmija l-proprjetajiet in kwistjoni **mhumiex komodament divizibbli**;

Ikkunsidrat:

1. Illi tenut kont tal-elenku dettaljat fuq riprodott tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-attur u l-konvenuti huma ko-proprjetarji ta' korp ta' bini gewwa l-belt Valletta u cioe`, il-fond bin-numru mija u tmienja (108) precedentement disgha u sebghin ittra "A" (79a), West Street, precedentement Pjazza Indipendenza (u Queen Adelaide Square u Pjazza Celsi) Valletta; il-fond bin-numru erbgha u sittin (64) Archbishop Str, Valletta; erbgha u sittin ittra "D" (64D), Archbishop Str, Valletta; l-appartament numru wiehed (1), tnejn (2) u tlieta (3) formanti parti minn blokk ta' appartamenti bin-numru mija u ghaxra (110), West Str, Valletta; il-fond bin-numru mija u hdax (111) West Str, Valletta; il-fond tlieta u tlettin (33), Triq Imrabat, Sliema, inkluz il-bejt u l-arja sovrapposti ghal proprjeta` hawn indikata u dana skont il-proporzjonijiet li jirrizulta li ghandhom il-kontendenti;

2. Illi filwaqt li tiddikjara li l-fondi in dizamina m'humiex komodament divizibbli, tichad it-tieni talba;

3. Illi stante li t-tielet talba gia` giet milqugha fil-mori tal-kawza, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha;

4. Illi rigward ir-raba' talba attrici tiddikjara li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha stante li t-tieni talba giet michuda;

5. Illi rigward il-hames talba attrici tilqa' l-istess talba u tordna l-bejgh b'licitazzjoni kif mitlub li izda m'ghandux ikun miftuh ghal oblaturi estranei, u dan ghar-rigward tal-fondi mertu ta' din il-kawza senjatament: (a) l-fond bin-

numru mija u tmienja (108) precedentement disgha u sebghin ittra “A” (79a), West Street, precedentement Pjazza Indipendenza (u Queen Adelaide Square u Pjazza Celsi) Valletta (b) il-fond bin-numru erbgha u sittin (64) Archbishop Str, Valletta; (c) erbgha u sittin ittra “D” (64D), Archbishop Str, Valletta; (d) l-appartament numru wiehed (1), tnejn (2) u tlieta (3) formanti parti minn blokk ta' appartamenti bin-numru mija u ghaxra (110), West Str, Valletta; (e) il-fond bin-numru mija u hdax (111) West Str, Valletta; (f) il-fond tlieta u tletin (33), Triq Imrabat, Sliema, inkluz il-bejt u l-arja sovrapposti ghal proprjeta' hawn indikata u dana, skont il-proporzjonijiet li jirrizulta li ghandhom il-kontendenti;

6. Illi rigward is-sitt talba attrici tilqa' l-istess talba u tordna li r-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti skont il-porzjonijiet li jirrizultaw mit-tabella A annessa mar-rapport tal-perit tekniku fuq riferit, (ara fol 168 tal-process);

7. Bl-ispejjez kontra l-attur stante l-intransigenza tieghu li rrizultat fil-mori tal-kawza.

______________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------